MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2008

Numru. 413/2004

Il-Pulizija
(Sup Alexandra Mamo)
vs
Ian Zahra, iben Austin, imwieled Sliema fid-19 ta' ottubru, 1962

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fil-ġranet ta' bejn it-8 ta' jannar, 2002 u ġunju, 2003 fil-Floriana, Paola u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
1. b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' klawifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew

sabiex iqanqal tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ b’qerq bi ħsara ta’ Noel Scicluna, John Micallef tas-‘Society for the Protection and Care of Animals’ (SPCA), Floriana u diversi persuni oħra;
2. minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, kariga jew servizz tiegħu, approprja ruħu, billi dawwar bi profit għaih jew għal persuna oħra, diversi somom, liema somom meta meħuda ndividwalment ma jeċċedux il-mit lira maltin (Lm100) u liema somom ġew fdati jew ikkunsinnati lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnhom speċifikat, u dan għad-dannu tal-SPCA u diversi persuni oħra;
3. illi sar reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b’sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-24 ta’ marzu, 1997.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Illi jiġi rilevat li dan il-proċess inħaraq fin-nirien li ħakmu din il-Qorti fit-12 ta’ lulju, 2004.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta’ lulju, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn din l-akkuża. Issibu ħati tal-ewwel u tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------